31987R2658

7.9.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 256/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea u partikularment l-Artikoli 28, 43, 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u Portugall,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi l-Komunità Ekonomika Ewropea hija mwaqqfa fuq għaqda doganali li tiġbor fiha l-użu ta' tariffi komuni ta' dwana;

Billi l-ġbir u l-bdil ta' statistika dwar negozju barrani tal-Komunità jista' jsir l-aħjar permezz ta' nomenklatura magħquda li tkun minflok in-nomenklaturi tat-Tariffa Doganali Komuni u Nimexe li diġa hemm, u dan sabiex jintlaħqu f'daqqa l-ħtiġijiet tat-tariffi u l-istatistika;

Billi l-Komunità ffirmat il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Sistema ArmonizzataArmonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifika ta' Merkanzija, magħrufa bħala "Sistema ArmonizzataArmonizzata", bil-ħsieb li tkun minflok il-Konvenzjoni tal-15 ta' Diċembru, 1950, dwar in-Nomenklatura għall-Klassifikazzjoni ta' Merkanzija f'Tariffi Doganali;

Billi, minħabba dan, l-imsemmija nomenklatura magħquda għandha ssir skond is-sistema armonizzata;

Billi jixraq li Stati Membri jitħallew joħolqu sub-diviżjonijiet ta' statistika nazzjonali;

Billi xi miżuri partikulari tal-Komunità ma jistgħux jitħaddmu fil-qafas ta' nomenklatura magħquda;

Billi għalhekk jenħtieġ li jinħolqu sub-diviżjonijiet oħra Komunitarji u li dawn jingħabru f'tariffa magħquda tal-Komunitajiet Ewropej (Taric);

Billi biex it-Taric titħaddem tajjeb jenħtiġilha sistema ta' aġġornament immedjat;

Billi għalhekk jeħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tħaddem it-Taric;

Billi Spanja u Portugall ma jkunux jistgħu jużaw l-iskema tat-Taric bħal l-Istati Membri l-oħra minħabba l-arranġamenti transitorji dwar it-tariffa msemmija fl-Att ta' Aċċessjoni;

Billi jixraq li dawn iż-żewġ Stati Membri jkunu awtoriżżati li ma japplikawx it-Taric għal matul iż-żmien li fih l-arranġamenti transitorji jkunu fis-seħħ;

Billi jidher xieraq li Stati Membri jkunu jistgħu jdaħħlu aktar sub-diviżjonijiet wara s-sub-titoli tat-Taric sabiex jilħqu ħtiġijiet oħra nazzjonali;

Billi dawn is-sub-diviżjonijiet għandhom jintgħażlu minn xulxin oermezz ta' numri ta' kodiċi għal dan l-iskop skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2793/86, tat-22 ta' Lulju, 1986, li jsemmi l-kodiċi li għandhom jintużaw skond kif imsemmi fir-Regolamenti (KEE) Nru 678/85, (KEE) Nru 1900/85 u (KEE) Nru 222/77 (4);

Billi jenħtieġ li n-nomenklatura magħquda u kull nomenklatura oħra msejsa kollha, jew parti minnha, fuqha jew li żżid sub-

(1) ĠU Nru C 154, 12. 6. 1987, p. 6.
(2) ĠU Nru C 190, 20. 7. 1987.
(3) Opinjoni mogħtija fl-1 ta' Lulju, 1987 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(4) ĠU Nru L 263, 15. 9. 1986, p. 74.

diviżjonijiet fiha, ikunu applikati b'mod uniformi mill-Istati Membri kollha;

Billi dispożizzjonijiet għal dan il-għan għandhom ikunu adottati fil-livell Komunitarju;

Billi wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Komunità li jassiguraw applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fid-Deċiżjoni 86/98/KEFA [1] japplikaw għal prodotti li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal Faħam u Azzar;

Billi t-tħejjija u l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġu koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

Billi t-twettiq ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jsir malajr minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi serji li kull dewmien jista' jħalli warajh;

Billi biex sgur ikun hemm applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun megħjuna minn kumitat responsabbli għall-affarijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu man-nomenklatura magħquda, mat-Taric u man-nomenklaturi l-oħra kollha msejsa fuq in-nomenklatura magħquda; Billi dan il-kumitat għandu jibda jaħdem malajr kemm jista' jkun qabel id-data ta' l-applikazzjoni tan-nomenklatura magħquda;

Billi sabiex il-għan tan-nomenklatura magħquda jkun imfisser sewwa, ikun aħjar li jsiru dispożizzjonijiet preliminari, noti oħra għal taqsimiet jew kapitoli u noti adattati f'qiegħ ta' paġna;

Billi t-Tariffa Doganali Komuni tiġbor fiha mhux biss *dazji konvenzjonali u awtonomi* u taxxi oħra rilevanti msemmija fl-Annex I ta' dan ir-Regolament u msejsa fuq in-nomenklatura magħquda, iżda wkoll il-miżuri ta' tariffi msemmija fit-Taric u liġijiet oħra tal-Komunita;

Billi meta jiġu biex isiru r-rati konvenzjonali ta' dazju jkun jixraq li jitqies il-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ (GATT);

Billi l-bidla min-nomenklatura l-antika għan-nomenklatura magħquda tista ġġib magħha diffikultajiet fl-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini ma' ċerti sistemi preferenzjali, l-aktar jekk il-pajjiż terz li jkollu x'jaqsam ma jkunx adotta is-sistema armonizzata;

Billi jixraq illi f'dawn iċ-ċirkostanzi jittieħdu miżuri f'lokhom bil-ħsieb li jħollu dawn id-diffikultajiet;

Billi, għalkemm in-nomenklatura u r-rati ta' dazju għal prodotti li jaqgħu taħt it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea għal Faħam u Azzar ma jagħmlux parti mit-Tariffa Doganali Komuni , iżda, b'danakollu, jixraq li r-rati konvenzjonali għal dawn il-prodotti jingabru f'dan ir-Regolament biex isiru magħrufa;

Billi, wara li saret in-nomenklatura magħquda, għadd ta' atti Komunitarji, l-aktar fil-qasam tal-politika agrikola komuni, għandhom jinġiebu jaqblu biex iqisu l-użu ta' din in-nomenklatura;

Billi biex issir din il-bidla aktarx ma jenħtieġx li jsir tibdil sostanzjali;

Billi, biex l-affarijiet jiħfiefu, jixraq li l-Komunita' tadotta l-emendi tekniċi meħtieġa għall-atti li għandhom x'jaqsmu;

Billi d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament iġib miegħu it-tħassir tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68, tat-28 ta' Ġunju, 1968, dwar it-Tariffa Doganali Komuni [2], u tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69, tas-16 ta' Jannar, 1969, dwar miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni [3], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 2055/84 [4],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1.

1. Nomenklatura ta' merkanzija ('il quddiem imsejħa "nomenklatura magħquda" jew fil-qosor "NM"), qed tkun hawn stabbilita biex tilħaq, fl-istess waqt, il-ħtiġijiet kemm tat-Tariffa Doganali Komuni u kemm ta' l-istatistika tan-negozju barrani tal-Komunità.

2. In-nomenklatura magħquda għandha tiġbor fiha:

(a) n-nomenklatura tas-sistema armonizzata;

(b) sub-diviżjonijiet Komunitarji għal dik in-nomenklatura, imsejħa "sub-titoli NM", f'dawk il-każijiet fejn tintwera rata ta' dazju li tikkorrispondi;

(c) dispożizzjonijiet preliminari, noti oħra għal taqsimiet jew kapitoli u noti f'qiegħ ta' paġna li jkollhom x'jaqsmu ma' sub-titoli NM.

[1] ĠU Nru L 81, 26. 3. 1986, p. 29.

[2] ĠU Nru L 172, 22. 7. 1968, p.1.

[3] ĠU Nru L 14, 21. 1. 1969, p.1.

[4] ĠU Nru L 191, 19. 7. 1984, p.1.

3. In-nomenklatura magħquda qed terġa' tinġieb f'Annex I.

Ir-rati ta' dazji awtonomi u konvenzjonali tat-Tariffa Doganali Komuni u t-taqsimiet supplimentari ta' l-istatistika, kif ukoll tagħrif ieħor meħtieġ, huma msemmija fl-istess Annex.

Artikolu 2.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tariffa integrata tal-Komunitajiet Ewropej, ('il quddiem imsejħa "Taric", imsejsa fuq in-nomenklatura magħquda. Din għandha tiġbor fiha:

(a) sub-diviżjonijiet oħra Komunitarji, imsejħa "sub-titoli Taric", li jkunu meħtieġa biex juru merkanzija soġġetta għall-miżuri speċifiċi Komunitarji msemmija fil-lista f'Annex II;

(b) ir-rati ta' dazju ta' dwana u taxxi oħra li japplikaw;

(c) in-numri kodifikati msemmija fl-Artikolu 3 (3) u (4);

(d) kull tagħrif ieħor meħtieġ biex jitwettqu jew jitħaddmu l-miżuri tal-Komunità li jkollhom x'jaqsmu.

Artikolu 3

1. Kull sub-titolu NM għandu jkollu numru kodifikat bi tmien numri:

(a) l-ewwel sitt numri għandhom ikunu n-numri kodifikati li jkollhom x'jaqsmu mat-titoli u s-sub-titoli tan-nomenklatura tas-sistema armonizzata;

(b) is-seba' u t-tmien numri għandhom juru s-sub-titoli NM. Meta titolu jew sub-titolu tas-sistema armonizzata ma jinqasamx aktar għal fini tal-Komunita', is-seba' u t-tmien numri għandhom ikunu "00".

2. Id-disa' numru għandu jitħalla għall-użu ta' l-Istati Membri għal sub-diviżjonijiet ta' statistika nazzjonali, li għandhom jid-daħħlu skond Artikolu 5 (3).

3. Is-sub-titoli Taric għandhom jintwerew bl-għaxar u l-ħdax-il numru li, flimkien man-numri kodifikati msemmija fil-paragrafu 1, jiffurmaw in-numri kodifikati tat-Taric. Fin-nuqqas ta' sub-diviżjoni tal-Komunita', l-għaxar u l-ħdax-il numru għandhom ikunu "00".

4. F'każi eċċezzjonali, erba' numri oħra kodifikati tat-Taric jistgħu jintużaw għall-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi tal-Komunità li ma jkunux kodifikati, jew mhux kodifikati għal kollox, fil-livell ta' l-għaxar u l-ħdax-il numru.

Artikolu 4

1. In-nomenklatura magħquda, flimkien mar-rati ta' dazju u taxxi oħra rilevanti, u l-miżuri tat-tariffa msemmija fit-Taric jew f'arranġamenti oħra tal-Komunità, għandhom jagħmlu t-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 9 tat-Trattat, li għandha tapplika għall-importazzjoni ta' merkanzija fil-Komunità.

2. In-nomenklatura magħquda, flimkien man-numri kodifikati tagħha u, fejn jenħtieg, it-taqsimiet supplimentari ta' statistika dwarha, għandhom ikunu applikati mill-Komunità u mill-Istati Membri għall-istatistika li jkollha x'taqsam man-negozju barrani tal-Komunità.

Artikolu 5

1. It-Taric għandha tintuża mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għall-applikazzjoni ta' miżuri tal-Komunità li jkollhom x'jaqsmu ma' importazzjoni u, jekk jenħtieġ, ma' esportazzjoni u negozju bejn Stati Membri.

2. In-numri kodifikati tat-Taric għandhom japplikaw għal importazzjonijiet kollha ta' oġġetti milquta mis-sub-titoli li jikkorrispondu. Jekk jenħtieġ, dawn għandhom japplikaw għal esportazzjoni u negozju bejn Stati Membri.

3. Stati Membri jistgħu jdaħħlu sub-diviżjonijiet wara s-sub-titoli NM għal fini ta' statistika nazzjonali, u wara s-sub-titolu Taric għal finijiet nazzjonali oħra.

Numri kodifikati ta' identifikazzjoni għandhom jingħataw lil sub-diviżjonijiet bħal dawn skond ir-Regolament (KEE) Nru 2793/86.

4. Stati Membri li jadottaw sub-diviżjonijiet għal finijiet nazzjonali, minbarra dawk ta' statistika, jistgħu, wara li jgħarrfu lill-Kummissjoni, iħallu għal wara l-użu tas-sub-titoli Taric u l-għaxar u l-ħdax-il numru li jikkorrispondi, iżda dan sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1989.

Artikolu 6

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għat-tmexxija u l-pubblikazzjoni tat-Taric. Partikularment għandha tagħmel dak li jkun meħtieġ biex:

(a) tigbor flimkien il-miżuri msemmija fil-lista fl-Annex II tat-Taric;

(b) tagħti numri kodifikati tat-Taric;

(c) iżżomm it-Taric aġġornata;

(d) tgħarraf mill-ewwel lil Stati Membri b'tibdiliet lil sub-titoli u numri kodifikati tat-Taric.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha jkollha biex jgħinha kumitat dwar nomenklatura ta' tariffa u statistika, magħruf bħala "Kumitat tan-Nomenklatura" u 'l quddiem imsejjaħ "il-kumitat", maġħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni.

2. Il-kumitat għandu jagħmel ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

Artikolu 8

Il-kumitat jista' jeżamina kull ħaġa mibgħuta lilu mil-president tiegħu minn jeddu jew fuq talba ta' rappreżentant ta' Stat Membru:

(a) li jkollha x'taqsam man-nomenklatura magħquda;

(b) li jkollha x'taqsam man-nomenklatura tat-Taric u kull nomenklatura oħra kollha, jew parti minnha, imsejsa fuq in-nomenklatura magħquda, jew li żżidilha sub-diviżjoni oħra, u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunita', bil-ħsieb li tapplika tariffa jew miżuri oħra li jkollhom x'jaqsmu ma' negozju ta' merkanzija.

Artikolu 9

1. Miżuri li jkollhom x'jaqsmu ma' l-affarijiet msemmija hawn taħt għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10:

(a) applikazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-Taric, l-aktar dwar:

— il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-nomenklaturi msemmija fl-Artikolu 8,

— noti ta' spjegazzjoni;

(b) emendi fin-nomenklatura magħquda biex jitqiesu t-tibdiliet fil-ħtiġijiet dwar statistika jew politika kummerċjali;

(c) emendi fl-Annex II;

(d) emendi fin-nomenklatura magħquda u aġġustamenti fid-dazji skond deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni;

(e) emendi fin-nomenklatura magħquda bil-ħsieb li din tkun adattata biex tqis l-iżviluppi teknoloġiċi jew kummerċjali jew biex kliem ikun jaqbel u mfisser sewwa;

(f) emendi fin-nomenklatura magħquda li jiġu minn tibdiliet fin-nomenklatura tas-sistema armonizzata;

(g) ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazjoni, tħaddim u tmexxija tas-sistema armonizzata biex jinġiebu quddiem il-Kunsill ta' Dwana għal Koperazzjoni.

2. id-dispożizzjonijiet adottati taħt paragrafu 1 m'għandhomx jemendaw:

— ir-rati ta' dazji ta' dwana,

— taxxi agrikoli, ħlasijiet lura jew ammonti oħra li japplikaw fil-qafas tal-politika agrikola komuni jew fi skemi speċifiċi dwar merkanzija li tiġi mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli,

— restrizzjonijiet kwantitattivi msemmija fid-dispożizzjonijiet tal-Komunità,

— nomenklaturi adottati fil-qafas tal-politika agrikola komuni.

3. Jekk ikun meħtieġ, emendi fis-sub-titoli NM għandhom jinġabru mill-ewwel bħala sub-titoli Taric. Dawn għandhom jinġabru biss fin-NM skond il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12.

Artikolu 10

1. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jagħti lill-kumitat abbozz tal-miżuri li jkunu ser jiġu adottati. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fi żmien mogħti mill-president tal-kumitat skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata skond il-maġġoranza msemmija fl-Artikolu 148 (2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun jenħtieġlu li jadotta wara proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-kumitat għandhom ikollhom piż skond kif imsemmi f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux ikollu vot.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri, li għandhom japplikaw mill-ewwel. Iżda jekk dawk il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, dawn għandhom jgħaddu mill-ewwel mingħand il-Kummissjoni għal għand il-Kunsill. F'dak il-każ il-Kummissjoni għandha tħalli l-applikazzjoni tal-miżuri li hija tkun ħadet deċiżjoni dwarhom għal tlett xhur wara mid-data li fihom ikunu marru għandha.

3. Il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 11

1. Fejn dispożizzjonijiet tal-Komunita' jagħmlu kundizzjonijiet dwar jekk merkanzija tistax ikollha arranġament għal tariffa favorevoli fuq l-importazzjoni, meqjusa x-xorta u l-użu aħħari tagħha, dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu magħmula skond il-proċeduri msemmija fl-artikolu 10.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, "arranġament ta' tariffa favorevoli" tfisser kull tnaqqis jew sospensjoni, ukoll taħt kwota ta' tariffa, ta' dazju tad-dwana jew taxxa li jkollha l-istess effett, jew ta' taxxa agrikola jew taxxa oħra ta' importazzjoni msemmija fil-politika agrikola komuni jew fl-arranġamenti speċifiċi li japplikaw għal xi merkanzija li tiġi mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

Artikolu 12

Il-Kummissjoni għandha taddotta kull sena, permezz ta' regolament, verżjoni sħiħa tan-nomenklatura magħquda, flimkien mar-rati awtonomi u konvenzjonali ta' dazju li jikkorrispondu mat-Tariffa Doganali Komuni , kif joħorġu mill-miżuri adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni. Dan ir-regolament għandu jkun ippubblikat sal-31 ta' Ottubru fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u għandu japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

Artikolu 13

Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża huma b'dan awtoriżżati li ma japplikawx it-Taric għall-perjodi li matulhom l-arranġamenti transitorji dwar affarijiet ta' tariffa msemmija fl-Att ta' l-Aċċessjoni għall-Komunità japplikaw.

Artikolu 14

Meta tingħata preferenza ta' tariffa li tkun imsejsa fuq jew skond ir-regoli ta' oriġini li joħorġu min-nomenklatura tal-Kunsill ta' Dwana għall-Koperazzjoni, fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru, 1987, dawk ir-regoli għandhom jibqgħu japplikaw skond l-atti tal-Komunità li jkunu jgħoddu f'dik id-data.

Artikolu 15

1. Il-kodiċi u d-deskrizzjonijiet tal-merkanzija skond in-nomenklatura magħquda għandhom ikunu flok dawk tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni u n-Nimexe, u dan bla ħsara għal ftehim internazzjonali magħmula mill-Komunità qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u għal atti li saru biex iwettquhom, li jirreferu għal dawk in-nomenklaturi. Atti tal-Komunità li jiġbru fihom in-nomenklatura tat-tariffa jew ta' l-istatistika għandhom ikunu hekk emendati mill-Komunità.

2. Riferenzi għan-Nimexe fid-diversi atti fis-seħħ tal-Komunità għandhom jitqiesu li jirreferu għan-nomenklatura magħquda.

Artikolu 16

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 950/68 u (KEE) Nru 97/69 huma b'dan imħassra.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej.

Artikoli minn 1 sa 5 u minn 12 sa 16 m'għandhomx japplikaw qabel l-1 ta' Jannar, 1988.

Dan ir-Regolament għandu jorbot kollu kemm hu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussel, 23 ta' Lulju, 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

K. E. TYGESEN